



Dokument ta' sessjoni

26.5.2015

B8-0598/2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-infezzjonijiet ikkawżati mill-batterji reżistenti għall-antibijotiċi

Mara Bizzotto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-infezzjonijiet ikkawżati mill-batterji reżistenti għall-antibijotiċi

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi mir-riċerka mwettqa mid-dipartiment Inġliż għall-immaniġġjar tal-emerġenzi nazzjonali, ħareġ li t-tixrid tal-infezzjonijiet ikkawżati mill-batterji li huma reżistenti għall-antibijotiċi (*Antimicrobial Resistance Infection*, jew AMR) fir-Renju Unit jikkostitwixxi theddida perikoluża għal tal-anqas 80 000 persuna u jpoġġi fir-riskju l-eżitu ta' anki l-aktar operazzjonijiet trivjali;
- B. billi fl-Italja huwa preokkupanti li dan il-fenomeno qiegħed jiżdied u, skont iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), l-Italja tinsab fil-faxxa bl-ogħla perċentwal ta' reżistenza għal dawn il-batterji;
- C. billi t-tobba mhumiex f'pożizzjoni li jintervjenu biex jikkuraw dawn l-infezzjonijiet u jistgħu biss jippruvaw jagħmlu trattamenti b'antibijotiċi li twaqqfu minħabba t-tossiċità tagħhom;
- D. billi l-agressività ta' dawn l-infezzjonijiet twassal għal rati għoljin ħafna ta' mwiet, li jvarjaw bejn 50 % u 70 % tal-każijiet;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni tintervjeni biex tiġġieled u tipprevjeni epidemija eventwali fuq skala Ewropea.